

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Frar 2008

li temenda d-Deċiżjoni 96/550/KE li tawtorizza metodi għall-klassifika ta' karkassi tal-ħnieżer fil-Finlandja [titlu mhux uffiċjali]

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 692)

(It-testi bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(2008/177/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(4) Id-Deċiżjoni 96/550/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali [ħnieżer] ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 96/550/KE hija emendata kif ġej:

Billi:

(1) Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 jiżdied l-inċiż kif ġej:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/550/KE ⁽²⁾ tawtorizza żewġ metodi (*Hennessy grading probe (HGP4)* u *Intrascop/Optical probe*) għall-klassifika ta' karkassi tal-ħnieżer fil-Finlandja.

— l-apparat imsejjaħ 'AutoFom' u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jingħataw fil-Parti 3 ta' l-Anness".

(2) Il-Finlandja talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza l-aġġornament ta' formula waħda u l-użu ta' metodu ġdid għall-klassifika ta' karkassi tal-ħnieżer, u ppreżentat ir-riżultati tal-provi tad-dissezzjoni fit-tieni parti tal-protokoll previst fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal ⁽³⁾.

(2) L-Anness huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

(3) Eżami ta' din it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-metodi huma sodisfatti.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).

⁽²⁾ ĠU L 236, 18.9.1996, p. 47. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/611/KE (ĠU L 210, 12.8.2005, p. 44).

⁽³⁾ ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1197/2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 6).

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 96/550/KE huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1, il-Punt 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:

“3. Il-kontenut ta' dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skond il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 66\,485 - 0\,511 \cdot X_1 - 0\,418 \cdot X_2 + 0\,099 \cdot X_3$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-perċentwali stmat ta' dgħif fil-karkassa,

X_1 = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (inkluża l-ġilda ta' barra) f'millimetri mkejla 8 ċm 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa wara l-aħħar kustilja,

X_2 = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (inkluża l-ġilda ta' barra) f'millimetri mkejla 6 ċm 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa bejn 3/4 kustilji ta' l-aħħar,

X_3 = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri mkejla fl-istess waqt u fl-istess post bħal X_2 .

Il-formula tkun valida għall-karkassi bil-piż bejn 51 u 120 kilogramma.”

(2) Tiżdied il-Parti 3 li ġejja:

“PARTI 3

AUTOFOM

1. Il-klassifika ta' karkassi tal-ħnieżer issir permezz ta l-apparat imsejjaħ «Autofom» (*Fully automatic ultrasonic carcass grading*).

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sittax-il 2 MHz *ultrasonic transducers* (SFK Technology, K2KG), b'distanza operattiva ta' 25 mm bejn it-*transducers*. Id-dejta ultrasonika għandu jkun fiha l-qisien tal-ħxuna tax-xaħam tad-dahar u tal-ħxuna tal-muskolu. Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu kkonvertiti fi stimi tal-perċentwali ta' dgħif bl-użu tal-kompjuter.

3. Il-perċentwali ta' dgħif tal-karkassa għandha tiġi kkalkulata abbażi tat-68 punti tal-kejl permezz tal-formula li ġejja:

$$\begin{aligned} \hat{Y} = & 76,800 - 0,01167786 * x_1 - 0,01317971 * x_2 - 0,009175088 * x_3 - 0,005996768 * x_4 - 0,01173212 * \\ & x_5 - 0,04896113 * x_6 - 0,008025034 * x_7 - 0,01613402 * x_8 - 0,006821679 * x_9 - 0,009693944 * x_{10} \\ & - 0,01666247 * x_{11} - 0,008599287 * x_{12} - 0,01388630 * x_{13} - 0,02382277 * x_{14} - 0,009909672 * x_{15} \\ & - 0,01052488 * x_{16} - 0,01585248 * x_{17} - 0,006577800 * x_{19} - 0,01006999 * x_{20} - 0,02106533 * x_{43} - \\ & 0,01944423 * x_{44} - 0,02164443 * x_{46} - 0,02921022 * x_{48} - 0,02278822 * x_{49} - 0,02547334 * x_{50} - \\ & 0,02160008 * x_{51} - 0,01571447 * x_{52} - 0,01747270 * x_{53} - 0,02080481 * x_{54} - 0,02177262 * x_{55} - \\ & 0,02252957 * x_{56} - 0,02000042 * x_{57} - 0,01807100 * x_{58} - 0,02179333 * x_{59} - 0,02585314 * x_{60} - \\ & 0,03213609 * x_{61} - 0,03414441 * x_{62} - 0,03224378 * x_{63} - 0,02679668 * x_{64} - 0,02288250 * x_{65} - \\ & 0,01564255 * x_{66} - 0,01840482 * x_{67} - 0,02092576 * x_{68} - 0,02055510 * x_{69} - 0,02120507 * x_{70} - \\ & 0,01979112 * x_{71} - 0,01872976 * x_{72} - 0,02209687 * x_{73} - 0,02208294 * x_{74} - 0,02225723 * x_{75} - \\ & 0,02202462 * x_{76} - 0,02235730 * x_{77} - 0,02216374 * x_{78} - 0,03553871 * x_{79} - 0,03541295 * x_{80} - \\ & 0,03623326 * x_{81} - 0,03634462 * x_{82} - 0,03638485 * x_{83} - 0,03605378 * x_{84} - 0,02140917 * x_{85} - \\ & 0,02137969 * x_{86} - 0,02150696 * x_{87} - 0,02101590 * x_{88} - 0,02077531 * x_{89} - 0,02098994 * x_{90} - \\ & 0,02476005 * x_{91} - 0,02936467 * x_{92} - 0,02118610 * x_{93} \end{aligned}$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-kontenut stmat ta' dgħif tal-karkassa,

$x_1, x_2 \dots x_{93}$ huma l-fatturi varjabbli mkejla bl-Autofom.

4. Id-deskrizzjonijiet tal-punti tal-kejl u l-metodu ta' l-istatistika jinsabu fil-Parti II tal-protokoll Finlandiż imwassal lill-Kummissjoni f'konformità ma' l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

Il-formula għandha tkun valida għall-karkassi bil-piż bejn 51 u 120 kilogramma.”